MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR
## RAPHAEL FENECH ADAMI

Seduta ta' l-24 ta' Ottubru, 2008

Talba Numru. 659/2008

**Mobisle Communications Limited – C24655**

**Vs**

**Paul Busuttil**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-28 ta` Awissu, tas-sena 2008, in forza ta` liema talbu sabiex il-konvenut jigi kkundannat ihallashom is-somma ta` €1,047.03c, rapprezentanti ammont li ghadu dovut in konnessjoni ma` client contract number 1016521 in konnessjoni ma` servizzi lilu rezi ghax xhur ta` Awissu, 2007 sa Frar, 2008.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta` l-ittra ufficcjali tat-30 ta` Gunju, 2008 u ta` mandat ta` sekwestru pprezentat kontestwalment ma` dan l-avviz u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut ingunt in subizzjoni.

Ra li l-konvenut ghalkemm legalment notifikat baqa` ma pprezenta ebda risposta in kontestazzjoni ghat-talba attrici.

Sema` lil konvenut innifsu seduta stante li bil-gurament tieghu kkonferma li l-ammont kien ghadu dovut u fil-fatt l-unika raguni l-ghala ma kienx thallas dan l-ammont kien minhabba din is-sitwazzjoni mwera finanzjarja tieghu stante li kien dizokkupat.

It-Tribunal ghalhekk fuq ammissjoni ta` l-istess konvenut, jilqa` t-talba attrici u konsegwentement jikkundanna lil konvenut sabiex ihallas lis-socjeta` attrici s-somma mitluba ta` €1,047.03c, b`dan illi t-Tribunal jemmen illi huwa ekwu u gust illi dan l-ammont ghandu jithallas permezz ta` pagamenti mensili ta` €100 fix-xahar, l-ewwel pagament jaghlaq fl-20 ta` Novembru, tas-sena 2008 u jibqa` hekk jithallsu kull xahar, b`mod mhux interrott sakemm jigi saldat il-kreditu favur is-socjeta` attrici. B`dan pero` illi jekk jonqos li jhallas skadenza wahda mensili, is-socjeta` attrici tkun intitolata illi tezegwixxi fuq il-bilanc kollu illi tal-volta jkun dovut sa dak in-nhar tan-nuqqas.

Bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tas-sentenza u bl-ispejjez kollha ta` din l-istanza a karigu ta` l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------